Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Numru 16/2014

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Argus Insurance Company (Europe) Limited u dina kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Martin Degabriele ghan-nom u in rapprezentanza ta' Oasis Garage u l-istess Martin Degabriele ghan-nom u in rapprezentanza ta' Oasis Garage** **(appellanti)**

**vs**

**Malik Mohammed Sharif** **(appellat)**

Il-Gimgha, 15 ta' Lulju 2016.

Il-Qorti,

Permezz ta' rikors tal-appell prezentat fil-25 ta' Gunju 2014, ir-rikorrenti talbu lill-qorti sabiex tirriforma l-*lodo*, billi filwaqt illi tikkonfermah in kwantu gie dikjarat illi l-incident *de quo* sehh bi htija ugwali taz-zewg xufiera, tvarjah fis-sens illi thassar il-provvediment dwar il-hlas tad-danni u minflok tordna lill-appellat sabiex ihallas nofs id-danni tal-appellanti, cioe' l-ammont ta' erba' mija u sebgha u hamsin Euro u zewg centezmi (EUR 457.02), bl-ispejjez taz-zewg istanzi jinqasmu ugwalment bejn iz-zewg partijiet u bl-interessi legali mid-data tan-notifika tal-imsemmija ittra ufficjali tat-22 ta' Mejju 2012, kif originarjament mitlub fit-talba bil-miktub ipprezentata mill-appellanti fl-atti tal-proceduri appellati.

Il-konvenut appellat ghalkemm debitament notifikat ma pprezenatx twegiba.

Fil-parti dispozittiva tad-decizjoni, jinghad hekk:

*"Fic-cirkostanzi ghalhekk, l-Arbitru filwaqt li qed jichad it-talbiet tar-Rikorrenti, ssib illi f'dan il-kaz, iz-zewg xufiera kkontribwew ghall-akkadut b'mod illi kieku xi hadd minnhom ma naqasx, dan l-incident ma kienx isehh. L-Arbitru sejra ghalhekk tapplika l-gurisprudenza tal-Qrati taghna fis-sens illi f'cirkostanzi simili ghandha tigi applikata l-gurisprudenza tal-Qrati taghna fis-sens illi f'cirkostanzi simili ghandha tigi applikata l-massima prattika ta' buon sens ghar-ripartizzjoni ta' responsabilita', ossia illi:-*

*'It is a sound rule that when the case is such that the blame cannot with any certainty be apportioned, the liability should be apportioned equally' vide **Joseph Galdes vs Victor Micallef –** Appell Civili – Deciza 20/01/1964; u **Elmo Insurance Agency Limited noe et vs Carmel Vella Clark – Appell Civili (Inferjuri) –** Deciza 22/11/2002.'*

*Ghaldaqstant l-Arbitru jikkonkludi illi l-incident de quo sehh bi htija ugwali taz-zewg xufiera u li ghalhekk kull parti ghandha tbati d-danni kkagunati fil-vettura taghha.*
*L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet."*

Il-Qorti wara li l-atti processwali kollha, tosserva:

**Fatti fil-qosor.**

1. Din il-kawza titratta dwar incident tat-traffiku li sehh fil-25 ta' Lulju 2011 fi Triq Sant'Anna, Furjana, bejn il-vettura numru GAK 827 misjuqa minn Martin Degabriele u assikurat mal-appellanti u l-vettura numru DAM 072 misjuqa mill-appellat.

2. L-appellanti talbu illi l-appellat jigi ddikjarat unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi u kkundanat ihallas is-somma ta' €914.bhala danni.

3. Fir-risposta tieghu, il-konvenut appellat irrispinga kull responsabilita' ghall-incident.

4. L-Arbitru, fil-*lodo* arbitrali mertu tal-appell odjern, ikkonkluda illi l-incident sehh bi htija ugwali taz-zewg xufiera u ghalhekk kull parti kellha tbati d-danni kkagunati fil-vettura taghha.

**Aggravji.**

L-aggravju gie spjegat hekk:

*"1. Galadarba kkonkluda illi l-incident de quo sehh bi htija ugwali taz-zewg partijiet, it-Tribunal tal-Arbitragg kien zbaljat meta ordna illi kull parti ghandha tbati d-danni kkagunati fil-vettura taghha. Tali konkluzjoni dwar ir-ripartizzjoni tad-danni da parti tat-Tribunal kienet tkun korretta biss kieku l-Arbitru kkonkluda illi l-kaz tar-rikorrenti f'dawk il-proceduri, illum appellanti, ma giex adegwetament ipprovat, jew li kieku d-danni fiz-zewg vetturi involu fl-incident de quo kienu ta' entita' identika.* ***Dan pero' ma jirrizultax f'dan il-kaz stante illi l-appellat qatt ma kkwantifika d-danni sofferti fil-vettura tieghu u lanqas ressaq kontro-talba in konnessjoni mad-danni sofferti fil-vettura tieghu bhala rizultat tal-incident de quo. Effettivament, kwalunkwe pretensjoni illi seta' kellu l-appellat hija preskritta ghaliex l-istess appellat ma ddeduciex it-talba tieghu fiz-zmien rikjest mil-Ligi ta' sentejn;***

*2. L-appellanti jissottomettu bl-akbar rispett illi sabiex ir-ripartizzjoni tad-danni tkun tirrifletti r-ripartizzjoni tar-responsabilita' f'dan il-kaz huwa essenzjali illi l-provvediment dwar ir-ripartizzjoni tad-danni jkun fis-sens illi l-intimat jigi ordnat illi jhallas nofs id-danni reklamati fil-proceduri odjerni, cioe' l-ammont ta' erba' mija u sebgha u hamsin Euro u zewg centezmi (EUR 457.02)."*

**<u>Konsiderazzjonijiet.</u>**

Ma sarx appell minn dik il-parti tal-lodo fejn l-Arbitru ddecieda li l-incident sehh bi htija ugwali taz-zewg xufiera. Jilmentaw pero' li l-Arbitru ddecieda li "*kull parti ghandha tbati d-danni kkagunati fil-vettura taghha."*

Gialadarba l-Abritru kkonkluda li kull parti kienet responsabbli ghall-incident tat-traffiku b'mod ugwali, ma setax jikkonkludi li kull parti ghandha tbati d-danni taghha. Ladarba l-konvenut gie ddikjarat li ghandu 50% tat-tort, mela kellu jigi kkundannat ihallas 50% tad-danni li sofra l-appellat b'rizultat tal-hsara li saret fil-vettura tieghu. Il-kumplament tal-50% hi htija kontributorja ta' Martin Degabriele. Ovvjament il-posizzjoni kienet tkun differenti li kieku l-Arbitru kkonkluda li l-appellant ma tax prova li l-appellat kellu responsabbilta ghall-incident tat-traffiku. M'huwiex maghruf x'danni sofra l-appellat. F'dan ir-rigward ma tressqux provi u lanqas ma ppropona rikonvenzjoni. Il-konkluzjoni tal-Arbitru li kull parti trid taghmel tajjeb ghad-danni, kienet tkun flokha li kieku mill-provi rrizulta li l-appellat sofra danni tal-istess valur bhall-appellant. Ovvjament ser jibqa' mpregudikat id-dritt tal-appellat li jharrek lill-appellant ghan-nofs id-danni li sofra. Ghaldaqstant, l-appellat ghandu jhallas nofs l-ispejjez ta' tiswija li rreklamaw l-appellanti u li mill-atti jirrizulta li ntefqu, cjoe' s-somma ta' **erba' mija u seba' u hamsin ewro u zewg centezmi (€457.02).**

**Ghal dawn il-motivi:**

1. **Tilqa' l-appell u tvarja d-decizjoni tal-Arbitru tal-11 ta' Gunju 2014 fis-sens li thassar dik il-parti fejn jinghad "...ghalhekk kull parti ghandha tbati d-danni ikkagunati fil-vettura taghha".**
2. **Tikkundanna lill-appellat ihallas lill-appellanti s-somma ta' erba' mija u seba' u hamsin ewro u zewg centezmi (€457.02), bl-imghax min-notifika tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Mejju 2012.**
3. **Spejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif jinghad fil-lodo, u spejjez tal-appell a karigu tal-appellat**.

Anthony Ellul.